Minuti tal-laqgħa sebgħa u tlettin (37), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2015 fil-10.30 ta' fil-għodu fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li kellha tħassar il-laqgħa tal-Kunsill li kienet ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2015 peress li dak in-nhar għandha ċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni fid-Diploma *Public Management and Governanace at Local Level.*

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa 36 ġiet approvata mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti.

*Mill-Minuti*

Is-Segretarja infurmat lil preżenti li:

2.2 Tbaxxiet il-filata mill-ħaddiema tal-Kunsill tar-*retaining wall* li nbena riċentament mill-Kunsill Lokali skond kif ġie mitlub mill-MEPA.

2.3 Twaħħlu l-*bollards* ta' Wied Siekel mill-ħaddiema tal-Kunsill.

2.4 It-tabella bi vleġġa fi Triq il-Għajn kantuniera ma Triq Kappillan Ġużeppi Hili ġiet imwaħħla mill-Ministeru għal Għawdex wara li s-Seg. Eżekuttiv avviċinat lis-Sur Micallef. Is-Sur Micallef talab lis-Sindku jinfurmah eżatt liema tabelli hemm bżonn jinbidlu fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn u qal ukoll li ż-żebgħa ta' l-art ser issir għal aħħar tal-ġimgħa.



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

2.5 Il-Wied tax-Xlendi reġgħa ġie imnaddaf kif approvat mill-Kunsill wara li l-Kuntrattur ġie mogħti direttiva biex isir dan u ukoll ġie imkaħħal il-ħajt ta' mat-triq. Is-Sindku qal li hemm bżonn jintbgħat ħaddiem biex jibda jnaddaf ix-xitel żgħir taż-żejt tar-riġnu. Is-Sur Micallef qal li qabel ma jintbgħat ħaddiem inaddaf importanti li l-Perit ikun għalaq il-kont.

2.6 Rigward ir-reklutaġġ għal skrivan/a mal-Kunsill kien hemm 47 applikazzjoni minn persuni li qed jireġistraw fuq l-ewwel parti. Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li importanti li l-bord li ġie mgħażul jiltaqa'. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv tivverifika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk fil-bord iridx ikun hemm rappreżentant ta' l-ETC. Is-Sindku propona sabiex il-bord jiltaqa' nhar it-Tnejn, 5 t'Ottubru 2015 fl-4.30 ta' fil-għaxija.

2.7 Il-*yukka* li kien hemm fuq il-bankina fil-bidu ta' Triq Kardinal Alessandro Franchi ġiet maqlugħa mis-sid wara li ntbgħatet ittra mill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li twaħħlu il-*bricks* tal-bankina minn fejn ġiet maqlugħa il-*yukka*.

2.8 It-tankijiet li tħallew wara l-Knisja mill-Għaqda tan-Nar inġabru mill-Kuntrattur il-ġdid tal-*bulky refuse*.

2.9 Rigward il-post abbandunat ta' quddiem il-Knisja li qed iżomm il-ħammiem fih, intbgħatet ittra lis-Supt tal-Pulizija.

2.10 Rigward Memo 22/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015, il-membri ġew infurmati illi għas-sotto kumitat l-Kappillan inomina lil Maryanne Zammit, Is-Sur Mercieca informa lil preżenti li minn naħa ta' l-Għaqda ta' l-Armar innominaw lil George Schembri u is-Sindku informa li minn naħa ta' l-Għaqda tan-Nar urew li mhemmx interess. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li huwa impossibli li ser tilħaq tapplika għal din is-sena peress li għadu qatt ma ltaqa' s-sotto kumitat. Is-Sindku propona li din għandha tithalla għas-sena d-dieħla.

2.11 Il-Harġa għal Kemmuna ġiet imħassra peress li ma kienx hemm konkorenza biżżejjed, dan għar-raġuni li ġew organizzati żewġ ħarġiet minn uħud minn dawk li kienu jattendu. Is-Sindku qal li bħal ma qal is-Sur Mercieca jew issir aktar kmieni jew inkella jinstab post alternattiv bħal l-Għarmier jew il-Blue Lagon u għalhekk ippropona li ssir f'Lulju.



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.12 Reġgħet saret laqgħa oħra minn Marisa Debono il-*youth worker* flimkien maż-żgħażagħ. Is-Sinjura Debono għandha terġa' tiltaqa' magħhom.

2.13 Twaħħlu mill-ħaddiema tal-Kunsill il-bankijiet tal-*playing field*.

2.14 Is-saqaf ta' l-Għajn ta' Bendu ġie miżbugħ bil-qatran, twaħħlet it-tabella tal-parkeġġ ristrett bil-ħin fi Triq l-Sptar San Ġiljan u twaħħlet ukoll il-perspex li kien hemm maqlugħa ma waħda mill-Għejjun mill-ħaddiema tal-Kunsill.

2.15 Intbgħatet emejl lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-Devoluzzjoni tax-Xelter fi Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsill ġie infurmat illi ser jirċievi korrispondenza bil-posta fil-jiem li ġejjin peress li l-Kunsill kien diġa applika għad-devoluzzjoni tiegħu qabel il-2011. Is-Sindku qal li għandna nitolbu wkoll id-devoluzzjoni ta' l-Għejjun u l-bankina tal-madwar u din kienet f'idejn l-assistent direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Clevon Vella. Is-Sur Micallef qal ukoll li ser jiċċekja mas-Sur Camilleri fi ħdan il-*Lands Dept* f'dan ir-rigward.

3. <u>Ftuħ ta' l-offerta għas-servizz ta' Perit</u>

Kien hemm żewġ sottomissjonijiet għal din l-offerta. L-offerti infetħu quddiem il-membri preżenti. Dok A skeda ta' l-offerti. Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk il-Perit Vella bgħatx il-materjal mitlub mill-Kunsill rigward il-bejt taċ-ċentru ċiviku. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li għad li bgħatitlu diversi emejls xorta baqgħet bla tweġiba. Is-Sur Micallef qal li l-Periti preżenti mhumiex jaqdu lil Kunsill fil-ħin u għalhekk ix-xogħol li ntalbu jagħmlu jgħaddi għal fuq il-Perit il-ġdid ħalli l-Kunsill ikun qed jimxi ma l-offerta li ħareġ hu stess. Is-Sindku qal li jrid jieħu parir f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li hu fl-opinjoni li ssir laqgħa maż-żewġ Periti li sottomettew l-offerta. Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill dejjem għażel l-irħas offerta u ma jarax għalfejn f'dan il-każ ma għandux jagħmel l-istess. Is-Sindku qal li lil Perit Anglu Portelli ilu ħafna jgħidlu biex iħejji l-offerta għal kisi bit-tarmak ta' Triq il-Għajn u sa issa għadu ma għadda ebda dokument lil Kunsill u ma jixtieqx li min jieħu l-offerta jagħmel l-istess lil Kunsill u hu għalhekk li ta' l-opinjoni li ssir laqgħa maż-żewġ offeranti. Is-Sur Mercieca qal li l-Periti preżenti qed jagħmlu l-istess għax ħadd ma ta xogħlijiet ordnati mill-Kunsill. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill ser ikun għar peress li qabel ix-xogħol kien imqassam fuq erba' Periti u issa ser jaqa' kollox fuq Perit wieħed. Is-Sur Micallef qal li tlett Periti milli kellu l-Kunsill ma kienux interessati li jibqgħu jaħdmu mal-Kunsill peress li ma xeħtux l-offerta. Is-Sindku qal li jrid jieħu parir li x-xogħol diġa mgħoti lil Periti oħrajn jistax jitkompla jew le. Is-Sur Micallef u s-Sur Mercieca ma qablux mas-Sindku illi dan it-tali xogħol jitkompla għax jaħsbu li jkun ksur ta' liġi. Is-Sindku fakkar li meta s-Seg. Eżekuttiv kellmet lil Perit Anġlu Portelli



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

rigward it-*traffic calming measures* ta' Triq Kappillan Hili qatt ma weġibha u qal ukoll li rigward l-offerta għal kisi ta' Triq il-Għajn u l-*patching* dejjem informah li huma lesti kemm jintbgħatu. Is-Sur Micallef fakkru li dan qatt ma ntbgħatlu bil-miktub fuq l-offerta għal kisi tat-triq u għalhekk ma kienx infurmat uffiċċjalment. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li riedet li tinħareġ l-offerta sabiex il-Kunsill ikun qed jimxi skond il-liġi peress li qed jinqabeż l-ammont ta' *direct order*. Is-Sindku qal li xorta jrid jistaqsi f'dan ir-rigward. Is-Sur Micallef qal li ma jħossx li għandha ssir laqgħa ma' l-offeranti li xeħtu l-offerta u wara jkun jista' jasal għad-deċiżjoni. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha titlob linja gwida lid-Dipartiment għal Gvern Lokali jekk jistax il-Kunsill jibqa' jaħdem bil-Periti li diġa huma *committed*. Għal dan il-għan is-Sur Micallef propona li qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq min ser jieħu l-offerta ma jingħata ebda' xogħol lil xi Perit ieħor. Is-Sindku fakkar li fil-1996 kien hemm proċess u kien ġie mqabbad il-Perit Dimech b'mod ġust għal proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li mhux prattiku li Perit jinbidel peress li għamlu diġa x-xogħol. Is-Sur Mercieca fakkar li l-*file* hu tal-Kunsill mhux tal-Perit. Il-membri qablu li din il-materja titħalla għal laqgħa oħra.

4. *Expression of Interest* għas-servizz ta' ġbir ta' skart separat

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li iż-żewġ operaturi urew l-interess tagħhom jiġiefieri l-Green MT u l-Green Pak. Dok B u Dok C rispettivament. Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk il-gvern hux qed jagħti fondi f'dan ir-rigward peress li issa b'din l-*expression of interest* l-Kunsill qed jintalab il-ħlas biex isir dan. Is-Seg Eżekuttiv infurmatu illi l-Gvern ta €5194 fondi għall-aġġustament. Is-Sindku informa lil preżenti li l-iskart li jintefa' fil-*bring in sites* dak ma jiġix miżun u hu għalhekk li l-Kunsill ma jiġborx tunellata fil-ġimgħa mid-djar. Is-Sindku qal li hemm bżonn li titqassam borża kull ġimgha tul is-sena kollha. Is-Sindku staqsa x'ser jagħmel tajjeb jekk ma jiġix onorat il-kuntratt. Kompla jgħid li flok attivita' ambjentali ssir attivita kulturali u staqsa għalfejn tal-Green MT taw kemm inġabar skart separat fl-2013 ma tawx il-piż ta kemm inġabar skart fl-2014. Is-Sindku staqsa wkoll kif jista' l-operatur ikun jaf kemm qed jinġabar skart separat mill-lokalita' meta dan qed jinġabar ma ta' lokalita' oħra. Fuq proponiment tas-Sindku, l-membri qablu li ssir laqgħa mal-operaturi sabiex jiġu negozjati l-prezzijiet li qed joffru.

5. Jum il-Fontana

Is-Sindku informa lil Kunsilliera li gie avvicinat minn D Capitals hux ser idoqqu huma f'Jum il-Fontana u staqsa jekk il-programm ta' Jum il-Fontana hux ser ikun l-istess bħas-sena l-oħra. Il-membri qablu u qablu wkoll li l-*compare* jiġi mqabbad mill-*orchestra* stess. Rigward il-wirja ta' l-artiġjanat, l-membri qablu li qabel jintbgħat avviż fid-djar biex il-Kunsill ikun jaf bil-konkorenza.



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Bog

## 6. Korrispondenza

6.1 L-Avukat tal-Green MT qabel ma l-iskrittura li sottometta l-Avukat tal-Kunsill fejn propona li l-iskrittura tiġi ffirmata din il-ġimgħa u jsir il-ħlas a saldu kif miftiehem.

6.2 Ġiet imħejjija ir-risposta tal-*Management Letter – Interim Audit – June 2014* mill-*accountant* tal-Kunsill. Din ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti biex tintbgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lil Awdituri tal-Kunsill kif ukoll lil NSO.

6.3 Emejl minngħand l-Av. J Ellis rigward l-Appell ta' Gozo Concrete products fejn talab lil Kunsill biex tintbgħat l-ittra ta' aċċetazzjoni ta' l-offerta. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Avukat tal-Kunsill qed jiċċekja kif ser iwieġeb f'dan ir-rigward. Is-Sindku informa lis-Seg. Eżekuttiv biex tinġieb kopja ta' l-appell mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali peress li ġiet mitluba mill-Avukat tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li għandu jiġi mwieġeb li l-Kunsill ma jridx juża materjal bħal ġebla tal-qawwi iżda jrid juża l-*porfido* peress li issa l-MEPA qed tagħti permess li jintuża dan il-materjal.

6.4 Emejl minngħand l-Kura Primarja tas-Saħħa fejn talbu lil Kunsill biex tingħata *s-seasonal influenza Vaccination*. Il-membri qablu li għandu jiġi mqabbad is-Sur Darren Briffa iżda l-ewwel jiġi verifikat miegħu għandux irċevuta fiskali. Jekk f'dan in-nuqqas il-membri qablu li jitqabbad it-Tabib Vella li joqgħod fi Triq is-Sajjieda.

6.5 Emejl mir-Reġjun t'Għawdex b'kollaborazzjoni mal-Valletta 18 sabiex il-Kunsill jagħżel personalita' li tat kontribut lil lokalita' tagħhom sabiex din tiġi kommemorata. Dawn għandhom bżonn *brief* żgħir rigward din il-personalita' u kif ukoll ritratt tal-personalita'. Il-membri qablu mal-proposta tas-Sur Micallef li jiġi nnominat l-Ex-Kappillan Ġorġ Bezzina li illum m'għadux magħna.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

Skeda Nru 30 tal-ħlasijiet ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti. Waslet *invoice* minn għand Michael Bongailas għal *Iron Man Competition* li ser issir fil-Ġermanja u li tammonta għal €549.08. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li din l-*invoice* ser titħallas fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku qal li l-għajnuna kienet approvata għal attivita' fil-Canada.



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

## 8. Materji Oħra

8.1 Ilment minn resident sabiex jitnaddfu l-*gutters* ta' l-ilma fi Triq Bieb il-Għajn kantuniera ma Triq is-Sajjieda. Dawn għandhom jitnaddfu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.2 Ilment minn residenti fi Trejqet il-Ħarrub fejn qed jilmentaw illi r-rampi li saru għal garaxxijiet fil-parti d-dejqa tat-triq qed jostakolaw milli l-ilma jinżel fil-wied u għalhekk l-ilma qed imur mat-triq kollha flok fil-Wied u jimtlew bl-ilma l-garaxxijiet. Għal dan il-għan talbu sabiex ir-rampa ta' Trejqet il-Ħarrub terġgħa ssir bil-gradi kif kienet sabiex l-ilma jintlaħaq mill-bidu ta' Triq Santa Dminka u kif ukoll isir *gutter* għal nofs it-triq peress li t-triq taqleb għal garaxxijiet. Is-Sur Micallef staqsa jekk din hiex imniżżla fil-lista' li nbgħatet mid-Dipartiment li hi triq tal-Kunsill u s-Seg. Eżekuttiv infurmatu li hi imniżżla fil-lista. Is-Sindku wieġeb li din it-triq hi imniżżla ħażin u l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tad-Dipartiment li l-ewwel parti hija fi stat tajjeb, l-parti l-kbira ma hijiex u għalhekk ma setgħetx tiġi mgħoddija lil Kunsill. Il-membri qablu li jitpoġġew tlett ġebliet kif kien hemm qabel u jsiru *reflectors* u tabelli neċessarji. Il-membri qablu wkoll li tinġibed l-attenzjoni tad-Dipartiment Proġetti u Żvilupp biex jitnaddaf il-*gutter* ta' Triq Santa Dminka. Is-Sindku propona li l-Kunsill jixtri l-materjal necessarju sabiex l-grada li kien hemm fid-daħla tat-triq jerġgħu jsiru mill-ħaddiema tas-CMU. Is-Sur Mercieca qal li hu inutli li jsiru dawn l-ispejjes peress li xorta l-ilma ma jiġix fil-wied.

8.3 Is-Seg. Eżekuttiv avviċinat lil *instructor* taz-Zumba fejn aċċettat li tagħmel 25 sessjoni li jibda' mill-aħħar ta' Ottubru fejn dawn is-sessjonijiet isiru kull nhar ta' Sibt fil-4.15 ta' filgħaxija. L-*instructor* talbet il-prezz ta' €50 għal kull sessjoni. Il-membri qablu jigi inegozjat il-prezz u €40 jew inkella jekk jibbukjaw aktar minn 36 ruħ jingħata xorta l-prezz ta' €50 imbasta l-Kunsill ma jkunx qed joħroġ flus mill-fondi tiegħu. Is-Seg. Eżekuttiv proponiet li minn japplika jintalab iħallas €35 għal 25 sessjoni.

8.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li kellha laqgħa ta' nformazzjoni dwar prodotti ġodda li qed jintużaw mill-Kunsill għal tiswija ta' tarmac u *patching* ma Bonnici Bros Ltd.



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Bay

*Sindku*

8.5 Ġew preżentati l-Qorti s-sottomissjonijiet li ħejja l-Avukat tal-Kunsill għal kawża dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Is-Sur Micallef qal li l-Avukat irranġa l-emendi li hu ressaq lis-Seg. Eżekuttiv pero l-avukat messu niżżel fis-sottomissjoni ukoll illi l-Kunsill irid il-fond għal uffiċċju tal-Kunsill.

8.6 Tlesta x-xogħol ta' tindif u riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi, dik il-parti li hija fil-Konfini tal-Fontana. Inbnew il-ħitan tas-sejjiegħ kif ukoll inqala l-qasab u l-pjanti taż-żejt tar-reġnu, kif ukoll tneħħa l-materjal mitfugħ illegalment.

8.7 Saret ħarġa soċjo kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna r-raħal taż-Żurrieq fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Katerina. Attendew 19-il persuna fosthom is-Sindku.

8.8 Ġie organizzat Sportsfest flimkien mal-Paroċċa għat-tfal tal-Fontana, fi tmiem il-logħob ġew imqassma t-trofew li ġew imħallsa mill-Kunsill. Dan sar mis-Sindku fil-preżenza tal-Kunsillier Horace Micallef.

8.9 Beda x-xogħol mill-Ministeru għal Għawdex fuq il-parti kbira minn Triq l-Isptar San Ġiljan fejn ser isir xogħol fuq is-sistema ta' l-ilma u wiċċ ġdid bit-tarmac. Is-Sindku staqsa kif mhux ser jitkompla l-*culvert* ta' l-ilma sa Triq is-Sajjieda. Is-Sur Micallef qal li il-ġimgħa l-oħra mar mal-Perit tal-Gvern fuq il-post fejn ġie infurmat li aktarx hu impossibli li jibqa' għaddej peress li hemm il-*low tension cables* għaddejjin għal Fontanella Gardens. Is-Sindku nforma lil Kunsill li staqsa lil Perit u dan infurmah li mhux ser isir. Is-Sindku propona li tinkiteb ittra lil Perit tal-Gvern u lil Ministru għal Għawdex sabiex il-Kunsill jara x'possibilita' hemm li jitkompla jekk mhux sa Triq is-Sajjieda sa faċċata tad-dar ta' Dun Rużar Borg.

8.10 Sabiex tinbidel il-batterija tax-xemgħa tan-niċċa ta' fuq l-Għajn il-Kbira.

8.11 It-TCTC ma kienx ta bandiera Maltija lil Kunsill talli ġew mislufa lilu l-istandardi kif kien sar qbil miegħu u għalhekk is-Sindku talab biex tinxtara bandiera.

8.12 Sabiex jinbena il-biċċa *retaining wall* bil-ġebel tas-sejjiegħ li hemm imwaqqa' fejn il-pompa tad-drenaġġ fit-tarf ta' Triq Għajn Tuta mill-ħaddiema tal-Kunsill.



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

8.13 Jerġa' jintalab lil Gvern Ċentrali sabiex isir il-*patching* ta' Triq il-Għajn u jinxtraw il-boroż għal *patching.*

8.14 Jerggħu jinżebgħu is-sinjali tat-traffiku madwar il-Fontana.

8.15 Il-*hedging* tal-playing field jerġa jinżabar u tingħażaq il-ħamrija.

8.16 Suggeriment li waqt li jkun isir xol ta' tqaxxir u *tarmac* fi Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq il-Ghajn l-isfel minn Triq Kappillan Hili issir *two way* waqt il-ħin tax-xogħol u wara terġa tiġi kif inhi bħalissa. Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li biex isir dan irid jitneħħa l-parkeġġ. Is-Sindku qal li jitneħħa jekk hemm bżonn li jsir hekk. Is-Sindku propona li għandha ssir talba lil Transport Malta. Is-Sur Micallef qal li diġa hemm *diversion* mill-Munxar u l-permessi diġa ħarġu minn TM. Is-Sur Mercieca propona li l-Kunsill għandu jitlob qabel xejn lir-residenti x'jaħsbu fuqa jekk Triq il-Għajn issir *two way* u li jrid jitneħħa l-parkeġġ proviżorjament. Is-Sur Micallef qal li mhux ġust li r-residenti ma jkollomx fejn jipparkjaw fi Triq il-Għajn minħabba li qed joġġezzjona biss negozjant wieħed. Is-Sindku qal li dan in-negozjant iħaddem għaxar minn nies. Is-Sur Micallef qal li kull kif jiġri xorta dan in-negozjant ma jistgħax jgħaddi minn taħt il-mina bit-trakkijiet u għalhekk hu inutli li Triq il-Għajn tiġi *two way* minħabba fih.

8.17 Is-Sindku propona sabiex il-fanali ta' Triq Kappillan Ġużeppi Hili jinżebgħu biż-żebgħa *Hammerite* peress li qed tinqala' iż-żebgħa. Is-Sur Farrugia propona li tinżebgħah biż-żebgħa Soratoga *dark grey/black* peress li hi żebgħa apposta ghal *cast aluminium.*

8.18 Is-Sindku propona li jintalab il-permess tal-pulizija biex jingħata permess għal kontroll tal-ħammiem li qed iħammeġ u jagħmel ħsara lil Knisja Parrokjali u l-inħawi u parti minn Triq Kappillan Hili. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv jistaqsi lil Kunsill ta' San Giljan x'sar f'dan ir-rigward.

8.19 Sabiex issir ħarġa għar-Residenti f'Malta nhar il-Hadd, 11 t'Ottubru fejn issir żjara fil-Birgu għal Birgu Fest u l-monti ta' Marsaxlokk.

8.20 Talba minn għand Paul Galea sabiex issir *un/loading* quddiem il-garaxx tal-mastrudaxxa fi Triq Kappillan Ġ Hili. Il-membri qablu li jintalab permess lil TM.

8.21 Is-Sindku nforma lil preżenti li d-Direttur tiegħu Dr Debono Borg sabet oġġezzjoni sabiex ikun jista' jattendi l-laqgħat tal-Kunsill waqt il-



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

ħin tax-xogħol. Il-membri qalu li fil-PSMC hemm imniżżel ċar u tond li irid jingħata permess biex jitħalla jattendi għal laqgħat uffiċċjali tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv kitbet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan.

*Il-Viċi Sindku*

8.22 Sabiex isir rapport lil WSC peress li tielgħa xi ilma minn taħt parti ta' Triq Kappillan Ġużeppi Hili.

*Is-Sur Horace Micallef*

8.23 Sabiex id-*dolls house* li hemm fil-playing field tiġi issukkata peress li qed titbandal ħafna u tista' tkun ta' perikolu għat-tfal.

*Is-Sur Mario Mercieca*

8.24 Sabiex isir fanal taħt il-mina fi Triq is-Sajjieda. Is-Sindku nforma li hemm hu privat u li snin ilu kien intalab permess mis-sid biex issir bozza u ma ngħatax.

8.25 Sabiex isir *weekend break* fuq bażi *half board* fit-tieni ġimgħa ta' Novembru. Il-membri qablu.

8.26 L-Għaqda ta' l-Armar ser jordnaw tmien festuni tal-Milied biex jintramaw fi Triq Kappillan Hili. Is-Sur Mercieca talab lil Kunsill biex jagħti xi tip ta' għajnuna biex jinxtraw dawn il-festuni. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jgħati *direct order* biex jintrama' t-tiżjin tal-Milied sa €1150. Dan ġie wkoll ikkonfermat mis-Seg. Eżekuttiv. Is-Sur Micallef propona li tintrama Triq il-Għajn biss għal prezz ta' €1000 u Triq il-Kappillan Ġ Hili tintrema minn xi ħadd ieħor biex hekk il-Kunsill ikun qed jagħti għajnuna. Is-Sur Mercieca qal li ser ikellem lil Għaqda ta' l-Armar f'dan ir-rigward. Is-Sindku propona li l-Kunsill jista' jibda' jaħseb sabiex jixtri armar dekorattiv hu stess. Il-membri ma qablux f'dan ir-rigward u s-Sur Micallef ma qabilx li Triq Kappillan Hili tkun armata kull sena l-istess.



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Boy

9 *Aġġornament tal-Laqgħa*

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 29 t'Ottubru 2015 f'nofsinhar.

Il-laqgħa ntemmet fil-12.45 ta wara nofs in-nhar .

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Dok A.

Fontana Local Council

## FONTANA LOCAL COUNCIL

## SCHEDULE OF TENDERS

### Tender FNT 02/2015: Tender for the Provision of Professional Services of an Architect to Council

CLOSING DATE – 14TH SEPTEMBER 2015 AT NOON

OPENED ON – 28 September 2015

| Name of Contractor | Total Price | Remarks |
|---|---|---|
| Perit Anthony Bezzina | 4.45% | Professional Consultancy |
| | 4.45% | Contract Management Service |
| C P Partners | 4.62% | Professional Consultancy |
| | 4.62% | Contract Management Service |
| | | |
| | | |

Saviour Borg
Mayor

Odette Camilleri
Exec. Secretary

Councillor

Councillor

Fontana Local Council
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Email: fontana.lc@gov.mt

S. Borg

Dok B

green mt
WASTE MANAGEMENT SERVICES

**Green Mt Limited, The National Authorised Packaging Waste Compliance Scheme will offer the following services for the period**

**October 2015 to October 2017**

- Payment Incentive for door to door collection every Tuesday from all urban roads.
  ser jagħtu €45 per ton.
- Provision and servicing of a maximum of 2 sets of Bring in Sites on wheels at two sites in Fontana.
- Door to door collection of glass once a month (first Thursday of each month)
- Provision of Grey Bags to the Local Council on a monthly basis. u jingabru mill-Kunsill fil-preżenza ta' l-Eco Councillors
- Provision of Eco Councillors Home Visits/ Educational Visits
- Provision of Educational Waste Management Leaflet
- Provision of Data on a quarterly basis.
- Provision of 15 Cash Vouchers (Euro15 each) yearly to residents
- Provision of Euro 500 for an environmental event.
- Provide sum of €250 per calendar year for adverts in Council magazine
- Setting up of Fonatana Recycle Day as a yearly event
- Collection of used textiles and shoes twice yearly
- Collection of Waste Electricla and Electronic Equipment every three months.



S. Borg

Dok 6

GreenPak

**GreenPak Co-op Society Limited**, 18, St. John Street, Fgura FGR 1447 – MALTA
Tel: (356) 21 660 233 Fax: (356) 21 803 434 URL: www.greenpak.com.mt E-mail: info@greenpak.com.mt

## Conclusion

GreenPak is the largest and most trusted recovery scheme in Malta. It has been in operation for over eight years providing responsible and cost effective packaging waste recycling services. Today GreenPak provides its services to over 300,000 residents in 40 Local Councils in Malta and Gozo.

GreenPak welcomes the opportunity to add the community of Fontana to its fold so that they too can benefit from:

- Financial contribution for every tonne of recyclable waste collected €35 per ton
- Participation in the popular ***Irriċikla u Irbaħ ma` GreenPak*** campaign
- Free recycling bags to each household
- Benefit from extensive door-to-door education campaign
- Participation of GreenPak staff during Local Council Activities
- Eligibility in the annual Local Council Awards with the chance to win €1,000 prize

Should Fontana Local Council require any clarifications do not hesitate to contact the undersigned.

D. Tabone

Daniel Tabone

Senior Operations Manager

S. Borg